# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**l-Ewwel (1) ta' Frar 2024**

**Rikors Numru 192/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Nutar Dottor Emmanuel George Cefai**

**Vs**

**Avukat Ġenerali u**

**Il-Kunsill Notarili w l-Uffiċċjal Reviżur Dr Remigio Zammit Pace illi ġew kjamati in kawża permezz ta' digriet tal-5 ta' Novembru 2019**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 1 ta' Ottubru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

***I. Preliminari***

*1. Illi fis-sena 2018, saru emendi fil-Kap 55, li r-rikorrent ma kienx informat bihom qabel ma kienu ppubblikati bħala Bill fil-Gazzetta tal-Gvern. Illi huwa xtaq jispjega il-posizzjoni tiegħu imma sab ruħu rrinfaċċjat b'dawn l-emendi li imbagħad baqgħu għaddejin fi żmien qasir mill-Parlament. Partijiet minn dawn l-emendi jaffettwaw lir-rikorrent b'mod preġudizzjevoli għall-istess rikorrent.*

*2. Illi permezz ta' dawn l-emendi li saru fis-sena 2018 ġie dispost (f'Artiklu 14 tal Kap 55— Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili) li nutar li jkun ilu ċertu snin ma jippublikax atti jkun espost għall-miżura li jitlef il-warrant b'mod permanenti u dan mingħajr tort ta' xejn u b'mod ċar*

*kontra d-drittijiet vestiti kif ukoll b'mod anti-kostituzzjonali. Illi r-rikorrent ħass illi din d-disposizzjoni inġusta w anti-kostituzzjonali kienet ser tippreġudikah. Ir-rikorrent jħoss illi d-drittijiet tiegħu bħala nutar jinsabu mhedda ai termini tal-Artiklu 39 tal-Konvenzjoni u Artiklu 13 tal-Konvenzjoni) minn użu waħda jew iżjed disposizzjonijiet tal-Kapitlu 55 u/jew kull liġi oħra pertinenti, partikolarment fejn jittratta dwar Sanzjonijiet u Kastigi kif ukoll bl-emendi li saru għall Att oriġinali senjatament dawk li saru fis-snin 2011 u 2012 kif ukoll fis-sena 2018. Huwa jsostni illi dawn f'partijiet kunsiderevoli huma anti-kostituzzjonali u jistgħu jesponu lir-rikorrent għal trattament inuman u degradanti (skont l-Artiklu 36 tal Kostituzzjoni u Artiklu 3 tal-Konvenzjoni).*

3. *Illi peress li nħolqu xi problemi, r-rikorrenti talab lill-President tal-Kunsill Notarili Dottor Clinton Bellizzi sabiex issir lagħqa fejn jiġu diskussi dawn il-problemi.*

   *Illi din il-laqgħa saret, u wara r-rikorrent kiteb ittra bi proposti u talbiet għal soluzzjoni, iżda huwa ma rċieva l-ebda risposta għal din l-ittra. Ir-Rikorrent kiteb lil President tal-Kunsill Nutarili sabiex jgħaddilu pjan ta' kif jistgħu jiġu riżolti l-problemi, inkluż estensjoni taż-żminijiet.*

   *Illi lejn l-aħħar t'April tas-sena korrenti r-rikorrent kiteb lir-Reviżur Dr Remigio Zammit Pace sabiex jgħarrfu bil-pendenzi li kien għad hemm mal-Kunsill Nutarili*

4. *Illi fid-29 ta' Lulju tas-sena korrenti 2019 ir-Reviżur Dottor Remigio Zammit Pace ippreżenta rikors li permezz tiegħu hu irrefera l-każ lill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Notarili - Rikors Numru 602/19.*

5. *Illi b'digriet ta' 29 ta' Lulju 2019 dik il-Qorti kif presjeduta mill-Imħallef Emeritu Dottor Joseph Galea Debono ordnat li r-rikorrent jidher il-Qorti sabiex jispjega dak li sejħet l-inadempjenza' tar-rikorrent.*

6. *Illi fis-16 ta' Awwissu 2019 ir-rikorrent ippreżenta rikors fil-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Notarili sabiex jitlob differiment minħabba li l-avukat ta' fiduċja tiegħu Dottor Leslie Cuscheri kien msiefer kif ukoll għamel talbiet oħrajn biex jkun żgurat illi jkollu proċess ta' smigħ xieraq skont it-talbiet magħmulin fl-istess rikors.*

7. *Illi fis-seduta tal-20 t' Awwissu 2019 meta r-rikorrent kien bla avukat, mhux talli ma ngħatax smigħ xieraq, huwa ma tħalliex jispjega ruħu, u l-Qorti kif presjeduta għaddiet biex ikkummentat li diġa' bdiet għaddejja multa ta' ħamsin ewro kull ġimgħa u/jew parti minnha; u dan sar bi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent.*

8. *Illi r-rikorrent jħoss illi d-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq (skont Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta iktar 'il quddiem magħrufa bħala "il Kostitutuzzjoni") u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem magħruf bħala "il-Konvenzjoni Ewropeja") jinsab mhedded, kif ukoll id-dritt tiegħu li ma jiġix trattat inqas minn*

*ħaddieħor (skont Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni u Artiklu 14 tal-Konvenzjoni).*

9. *Illi għalhekk r-rikorrent jinsisti fuq ir-rikuża inkluż f'kull żmien futur tal-Imħallef Emeritu Dottor Joseph George Galea Debono. Għandu jkun preċiżat enfasizzat in rigward tal-istess Imħallef Emeritu Joseph Galea Debono illi dan il-każ m'għandu bl-ebda mod jirrifletti fuq l-intelliġenza, kapaċita u ħila teknika u/jew simili tal-istess Imħallef Emeritu.*

*II) IL-LANJANZI*

1. ***Il-Kap 55 Proprju u minn Art 94A sa Art 152 (inklużi) u Artiklu 88 (inkluż) sa Artiklu 92 (inkluż) u Artikli Oħrajn u/jew Liġijiet Oħra Applikabbli***

*Illi fis-snin 2011 u 2012, fost emendi oħrajn, daħal l-Artikolu 94A li permezz tiegħu ġie regolat il-mod ta' kif jinġabru atti u testmenti bi proċedura speċifika liema proċedura hi proċedura drakonjanja u ledenti d-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Fis-sena 2018 reġgħu saru emendi oħrajn għal Kap 55.*

a) *Permezz ta' dawn l-emendi, partikolarment fl-artikolu 94A, jissemmew dati u żminijiet għall-ġbir tal-atti u testmenti, u fosthom hemm emenda speċifika dwar data ta' ġbir għal testmenti; dawn l-emendi jinfrinġu l-Artiklu 36 [Protezzjoni minn trattament inuman] u l-Artiklu 3 tal-Konvenzjoni.*

b) *Permezz ta' dawn l-emendi wkoll, nutar li ma jkunx ippubblika att għal numru ta' snin jkun deprivat mill-uffiċċju tiegħu - u dan bi ksur ukoll tal-prinċipju tad-dritt vestiti; u in kwantu dawn għandhom effett retroattiv, qed jiġu leżi ukoll id-drittijiet tal-bniedem skont l-Artikli 33 tal Kostituzzjoni u l-Artikli 2 u 8 tal-Konvenzjoni. Illi l-Artikolu in kwistjoni hawnhekk hu Artikolu 14 tal Kap 55. Madankollu Artikoli 15 u 16 tal-Kap 55 ukoll huma fl-istess Titolu u għandhom jinftehmu bħala nklużi għal fini ta' dan ir-rikors kostituzzjonali. L-Artikli 14, 15 u 16 jifformaw Titlu III ta-Parti II tal Kap.55.*

*2 Illi in addizzjoni ma' dan kollu, l-Kapitolu 55 (Att dwar il-Professjoni Notarili w Arkivji Notarili) minnu nnifsu jikkontjeni disposizzjonijiet ledenti d-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dan partikolarment imma mhux esklussivament mill-Artikli 94A (inkluż) sal-Artiklu 152 (inkluż) kif ukoll Artiklu 88 (inkluż) sa Artiklu 92 (inkluż) tal-istess Att u disposizzjonijiet oħrajn (u ċioe' partikolarment Parti II Titlu III, Parti IV, Parti IVA, Parti V, Parti VI u Parti VII) tal-istess Att u dawn partikolarament u mhux esklussivament) kif ser jiġi muri iktar dettaljatament fil-mori tal-kawża.*

*3 Imma ħaġa kerha dwar dawn is-sanzjonijiet (fl-Artikli 94A (inkluż) sal-Artiklu 152 (inkluż) u Artiklu 88 (inkluż) sal- Artiklu 92 (inkluż) kif ukoll Artikli tal-Kap 55 u/jew liġijiet pertinenti oħrajn - hi f'dawn deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu b'għaġġla enormi mingħajr ma jkun sar qabel proċess*

*xieraq. Il-Kap 55 hu wieħed mill-ftit "dinosawri" li f'partijiet kbar għadu jilliedi d-dritt tas-smigħ xieraq. Illi sopra corna bastonate, skont il-Kap 55, meta jsir appell minn xi deċiżjoni meħuda taħtu, dan ma jissospendix s-sentenza sakemm jkun hemm determinazzjoni finali. Din li appell ma jissospendix ir-riżultat jagħmilha muntanja kontra min jkun jrid jappella. U dan kollu dwar l-Appell f' materji notarili hu anti-kostituzzjonali u jeħtieġ rimedju immedjat.*

*Illi eżempju ieħor ta' poter immens eżerċitabbli, mingħajr il-presenza suffiċjenti ta' smigħ xieraq, hu dak imsemmi fid-dispożizzjonijiet tal-Kap 55 u ċioe' l-Artikli 115, 120, 122, 123 u 124. Apparti li qed jingħata poter enormi lill-ġudikant u/jew persuni oħra, dawn jikkonfliġġu mal-Artikolu 94A tal-Kap 55 li jiddetta ż-żminijiet u l-mod ta' kif jinġabru l-atti u t-testmenti. Dan qed jingħad bla preġudizzju għall anti-kostituzzjonalita' tal-Artikolu 94A, kif ukoll tal-Artikli 115, 120, 122, 123 u 124 tal-Kap 55 għax jagħtu poter lill-ġudikant u/jew persuni oħra li jiddeċiedu fid-diskrezzjoni tagħhom mingħajr ebda rikors suffiċjenti jew referenza suffiċjenti għad-dritt ta' smigħ xieraq kif suppost.*

*Ir-rikorrent iħoss li hemm ukoll anti-kostituzzjonalita' fi kwalsiasi poter mogħti lin-Nutar tal-Gvern, lil kwalsiasi korp, lill-Arkivista u/jew uffiċċjali u/jew Dipartimenti simili — u dana taħt kwalsiasi liġi - liema poter, bil-preżenti, qed jiġi ikkontestat ukoll. Tingħad il-kelma "korp" bħala li tinkludi ukoll il-Kulleġġ Nutarili w il-Kunsill Nutarili inkluż u partikolarment b'referenza minn Artiklu 88 (inkluż) sa Artiklu 92 (inkluż) tal-Kap 55.*

*Illi r-rikorrent jagħmel referenza għal kwalsiasi disposizzjoni oħra, kemm fil-Kap 55 kif ukoll fi kwalsiasi Liġi oħra, li b'xi mod tista' tilledi d-drittijiet tal-istess rikorrent u hu għalhekk li dan il-gravant ġie intestat "u Artikli u/jew Liġijiet oħra applikabbli". Għandu ikun preċiżat ukoll li għal dan il-għan it-terminu "Liġi" għandu jinftiehem fl-iktar mod wiesa' u jinkludi "inter alia" u bla preġudizzju kwalsiasi ġeneralita' ta' liġi inklużi Avviżi Leġali u Leġislazzjoni Sussidjarja.*

*Illi biex is-smigħ ikun xieraq, jeħtieġ li:-*

*a)illi l-ewwel wieħed jara l-kostituzzjonalita' o meno ta' kull parti tal-liġi; u*
*b)illi wara li jsir dan xorta waħda għandu jsir il-proċess normali ta' smigħ xieraq — kif isir fil-kawżi ċivili tal-Qrati ordinarji b'seduti diversi — biex wieħed jasal għal deċiżjoni anki jekk inizjali. Dan isir billi -*

- *Illi jkun hemm numru ta' seduti f'dan il-proċess*
- *Illi s-seduti f'dan il-proċess ikunu raġjonevolment spazjati*
- *Illi jrid jkun xhieda u/jew presentazzjoni ta' dokumenti*
- *Illi l-iproċessat ikollu dritt ikun mgħejjun minn avukat.*

*c) Illi f'kull ħin għandu jkun osservat il-prinċipju tal-Parity of Arms u jekk il-Qorti tinnota jew tinġibdilha l-attenzjoni li dan il-prinċipju tal-Parity of Arms mhux jintlaħaq, dik il-Qorti għandha tagħti kull provvediment opportun biex ebda parti ma tiġi preġudikata bil-ksur tat-prinċipju tal-Parity of Arms.*

*Illi kull, ksur anki jekk minimu, "in toto" jew "in parte" tal-proċess fuq imsemmi, jġib nullita totali u nullita awtomatika mill-bidu nett ta' kwalsiasi deċiżjoni meħuda u/jew att magħmul kif ukoll tal-proċess tas-smigħ innifsu.*

*Għandu jingħad wkoll b'referenza għall-Artikli u/jew liġijiet kontestati bħala anti-kostituzzjonali - li dawn fejn applikabbli — u bla preġudizzju għal iktar approfondiment legali - jiksru wieħed jew iżjed minn :*

- *(A) Art 36 — Protection from inhuman treatment — Kostituzzjoni ta' Malta u Art 3 European Convention*
- *(B) Smigħ Xieraq — Fair Trial (kif fuq)*
- *(C) Art 35 — Protection from forced labor — Kostituzzjoni ta' Malta u Art 4 — Prohibition of forced labor - Konvenzjoni Ewropeja*
- *(D) Art 14 Prohibition from discrimination — European Convention u Art 45 Protection from Discrimination — Kostituzzjoni ta' Malta*
- *(E) Protection of Right to life — Art 33 tal Kostituzzjoni ta' Malta u Art 2 Right to Life skont il-European Convention*

## *4. L-INCIDENT TA' 2014*

*Illi l-esponent diġa' sofra Trattament Diskriminatorju (Ara: Art 14 Prohibition of Discrimination — European Convention u Art 45 Protection from Discrimination — Kostituzzjoni ta' Malta) meta fil-bidu ta' l-istess sena 2014 kienet ħarġet Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern li permezz tagħha kien rikjest minn Nutara prattikanti l-professjoni tagħhom f'Malta u f'Għawdex sabiex jiddepositaw l-atti w testmenti tagħhom, mingħajr ma daħlet fis-seħħ bħala liġi. Ir-Reviżur mexxa każ kontrih quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Notarili, sa ma fl-aħħar anke l-Qorti rrikonoxxiet li ma setgħux jitmexxew dawk il-proċeduri mingħajr ma tkun reża effettiva l-liġi. Lill-Nutara oħra diversi ma sarux tali proċeduri kontra tagħhom.*

*Bi dritt kollu u bir-raġun kollu meta r-rikorrent ra u esperjenza dawn l-affarijiet hu għandu kull interess illi ma jerġax jiġri dak li ġara fit-2014 u li jilqa' bil-quddiem għall-kwalsiasi ripetizzjoni ta' dak li ġara fit-2014.*

*Għaldaqstant r-rikorrent hu ġustifikatissimu li jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jkun żgurat u jiżgura illi d-drittijet tiegħu w il-posizzjoni tiegħu la jkunu mittiefsa u lanqas ma jkun hemm xi periklu li jkunu mittiefsa.*

*In konnessjoni ma' dan jkun prattiku li kieku jkun hemm disposizzjoni ġdida li tgħid li f'kull Artiklu fejn tittieħed jew tista' tittieħed deċiżjoni, jsir att u/jew simili għandu qabel xejn jkun hemm dejjem proċess ta' smigħ xieraq mhux inqas mill-proċess ta' kawża ordinarja u li jkun jissodisfa ir-rekwiżiti kollha msemmija f'dan ir-rikors kositituzzjonali in rigward ta' Smigħ Xieraq.*

*Inoltri jkun xieraq ukoll li f'kull mument ta' kull proċediment u/jew proċess taħt il-Liġi Notarili u/jew liġi oħra jkun mifhem li jkun hemm referenza kostituzzjonali awtomatika.*

*L-introduzzjoni ta' dawn il-provvedimenti sempliċi hi meħtieġa — ma jistax jkun hemm smigħ xieraq mingħajr dawn il-provvedimenti.*

*Inoltri minħabba illi fil-Liġi Notarili jkun hemm termini qosra allura jista' jagħti l-każ illi l-intimat ma jkollux dritt għal smigħ xieraq sħiħ jew saħansitra xejn. Illi għalhekk ukoll ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tipprovdi li m'għandux jkun hemm termini qosra fil-Liġijiet Notarili għal ebda raġuni u taħt l-ebda ċirkostanza.*

***5. NEMO AD IMPOSSIBILIA TENETUR***

*Illi r-rikorrent jħoss li nġieb f'sitwazzjoni ta' nemo ad impossibilia tenetur. [Ara Art 36 — Protection from inhuman treatment — Kostituzzjoni ta' Malta u Art 3 European Convention]*

*Ir-rikorrent jinsisti illi għandu jkun hu li jikkura l-atti u t-testmenti u affarijiet kollha ancillari. Illi r-rikorrent jaqbel mal-emendi tal-2018 in kwantu u fejn jirrigwardjaw illi l-konsenji jkunu "staggered", u din il-metodoloġija hi vitali għalih purche' jsiru emendi xierqa u maqbula minn naħat kollha dwar termini ġodda.*

*Hu ovvju li għalhekk ukoll li kull sitwazzjoni ta' Nemo ad impossibilia tenetur għandha tkun debitament rikonnoxuta f'għajnejn il-Liġi w il-Ġustizzja.*

*Illi inoltre dan kollu hu u jkun bla preġudizzju għall-kontenut kollu ta' dan ir rikors odjern.*

*6 Illi r-rikorrent jixtieq jappella lill-Avukat Ġenerali biex b'mod flessibli jinstabu soluzzjonijiet, u jitlob umilment li l-istess Avukat Ġenerali jersaq b'mod rett għal soluzzjonijiet ġusti b'dan pero' li d-drittijiet kollha tar-rikorrent jkunu kollha salvagwardati fir-rispett tal-liġi partikolarment dik kostituzzjonali.*

*Ir-rikorrent umilment jitlob li għandu jiġi rakkomandat b'mod xieraq li tkun emendata l-liġi u ssir leġislazzjoni ġdida fejn ikun hemm bżonn u dejjem b'mod rett biex tkun dejjem faċilitata l-posizzjoni tan-nutar b'mod li jingħataw estensjonijiet xierqa kif ukoll li jkunu indirizzati l-problemi li jinqalgħu minn żmien għal żmien u li jkunu eliminati u/jew emendati u/jew rimpjazzati d-disposizzjonijiet tal-Liġijiet Notarili li qed issir oġġezzjoni għalihom bil-preżenti rikors kostituzzjonali.*

***III) TALBIET***

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1- *Tiddikjara li l-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta, anke kif emendat fis-snin 2011 u 2012 u fl-2018, partikolarment l-Artikoli 14, (u 15 u 16) u Artikoli minn 94A sa 152, u minn Artikolu 88 sa Artikolu 92 u kif muri aħjar f'dan*

*ir-rikors, jiksru d-drittijiet fundamentali kemm kostituzzjonali kif ukoll skont il-Konvenzjoni;*

2- *Tiddikjara d-dispożizzjonijiet relattivi li huma bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem huma nulli u bla effett;*

3- *Tiddikjara li l-esponent ġie preġudikat bl-użu ta' tali dispożizzjonijiet tal-Liġi;*

4- *Tiddikjara li fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2019, waqt is-seduta tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' Atti Notarili fir-Rikors Numru 602/19, l-esponent kellu d-dritt għal smigħ xieraq preġudikat u leż;*

5- *Tiddikjara li kull deċiżjoni li ttieħdet jew li tista' jew għad trid tittieħed minn dik il-Qorti dakinhar tal-20 ta' Awwissu 2019 u sussegwentement hija nulla u bla effett;*

6- *Tiddikjara li fir-rigward ta' kull proċedura u/jew kull materja mressqa quddiem dik il-Qorti kontra u/jew li tinvolvi l-esponent f'kull żmien futur, għandu jkun hemm dejjem ir-rikuża tal-Imħallef sedenti l-Onorevoli Mħallef Emeritu Dottor Joseph Galea Debono, u dan b'effett immedjat;*

7- *Tordna li ebda deċiżjoni meħuda jew li għad trid tittieħed fil-pendenza tal-kawża fil-Qorti tar-Reviżjoni ta' Atti Notarili Rikors numru 602/19 u/jew simili ma' għandha jkollha effett qabel ma tiġi determinata finalment din il-kawża kostituzzjonali odjerna;*

8- *Tiddikjara li r-rikorrent fil-passat ġie iddiskriminat u trattat ħażin kif jidher hawn fuq f'dan ir-rikors;*

9- *Tagħti kull disposizzjoni oħra mitluba minnha biex tħares b'effett immedjat d-drittijiet tar-rikorrent prevja talba jew talbiet ulterjuri għalhekk mir-rikorrent;*

10- *Tordna li jekk ikun il-każ u opportun il-każ jinstema' bil-magħluq minħabba n-natura sensittiva tal-proċeduri.*

2. Rat illi fit-28 ta' Ottubru 2019, l-intimat **Avukat Ġenerali** laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi qabel xejn, ladarba dawn il-proċeduri kostituzzjonali huma maħsuba, fost ħwejjeġ oħra, biex din l-Onorabbli Qorti tagħti ordnijiet fl-atti tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili fir-rikors numru 602/2019, fejn barra l-partijiet kontendenti f'din il-kawża, hemm ukoll il-Kunsill Nutarili u l-Uffiċċjal Reviżur Dr. Remigio Zammit Pace, bħala parti, allura jinħass xieraq sabiex dan il-ġudizzju jkun jista' jitqies bħala wieħed sħiħ, li r-rikorrent bi spejjeż tiegħu jdaħħal f'din il-kawża lill-Kunsill Nutarili u lin-Nutar Zammit Pace wkoll;*

2. *Illi bla ħsara għal dan, sa fejn l-ewwel tlitt talbiet tar-rikorrent huma maħsuba biex jattakkaw l-artikoli 14 sa 16, 88 sa 92 u 94A sa 152 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta), l-esponent jibda billi jgħid li l-esponent naqas milli jindika fir-rikors kostituzzjonali tiegħu kif l-artikoli tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta ġew użati kontra tiegħu. Billi l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex waħda ta' għamla popolari jew akkademika r-rikorrent irid juri b'mod ċar u preċiż f'hiex jikkonsisti l-interess ġuridiku tiegħu biex jattakka kull wieħed mill-artikoli tal-Kap 55 imsemmija minnu;*

3. *Illi dan qed jingħad l-iktar meta wieħed iqis li l-kwestjoni li hemm quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għadha kemm bdiet u għalhekk għadu mhux magħruf minn issa jekk ir-rikorrenti ha jkunx milqut mill-artikoli tal-Kap 55 imsemmija minnu. Ta' min wieħed iżomm f'moħħu, li l-każ li hemm quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili huwa dwar il-fatt li skont l-Uffiċċjal Reviżur, ir-rikorrent naqas milli jissottometti t-testmenti tiegħu għar-reviżjoni (ara Dok. AG1). Minn naħa tiegħu r-rikorrent qiegħed jgħid li huwa għandu raġunijiet siewja għaliex ma jistax inewwel dawn it-testmenti (ara Dok. AG2). Għalhekk la l-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għadhom pendenti, mhijiex ħaġa sewwa li d-disposizzjonijiet tal-artikoli tal-Kap 55 jiġu mistħarrġa fl-astratt u b'mod akkademiku. Jiġi b'hekk, li għalissa din l-Onorabbli Qorti għandha toqgħod lura milli tistħarreġ is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali ta' dawn id-disposizzjonijiet legali;*

4. *Illi lil hemm minn dan, jissokta jingħad li fir-rikors kostituzzjonali ma nġiebet l-ebda raġuni tajba għaliex dawn l-artikoli għandhom jitqiesu li huma inkompatibbli mal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem imsemmija mir-rikorrenti. Anzi fil-fehma tal-esponent, hija ħaġa tajba u xierqa li nutar ma jitħalliex ikompli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu nutarili jekk huwa jkun jinsab f'waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 14 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta. Tassew ma hemm xejn anti-kostituzzjonali li l-liġi notarili tagħfas fuq il-professjonalita', l-integrita', in-newtralita', is-serjeta', il-bżulija u d-diliġenza tan-Nutar bħala persuna li xogħlu huwa li jagħti f'idi pubblika lill-atti li jkun involut fihom;*

5. *Illi t-tneħħija jew nuqqas ta' tħaddim tal-artikoli 14 sa 16 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta, kif irid ir-rikorrenti, ikun ifisser: (i) nuqqas ta' kontroll fuq il-professjoni notarili, (ii) telf tal-indipendenza u l-imparzjalita' tan-nutar; (iii) liċenzja biex in-nutar jitħalla jkun ħażin, traskurat, għażżien u negliġenti f'xogħlu; u (iv) fl-aħħar mill-aħħar ħolqien ta' stampa u reputazzjoni ħażina fuq il-professjoni nutarili f'għajnejn il-pubbliku. Ħwejjeġ bħal dawn żgur li mhumiex tollerabbli la taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u wisq aktar taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem;*

6. *Illi mhux talli hekk, talli l-Istat għandu obbligi pożittivi mnissla mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem li jirregola l-professjoni nutarili fl-interess u għall-benefiċċju tal-pubbliku. Għalhekk ma hemm xejn ħażin jew irregolari li l-Istat joħloq mekkaniżmu legali permezz tal-Kunsill Nutarili, tal-Uffiċċjali Reviżuri, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) biex jindokraw, jgħassu, jżommu taħt għajnejhom u jikkastigaw jekk hemm bżonn, Nutara li jimxu ħażin u mhux professjonali fil-qadi ta' dmirijiethom;*

7. *Illi żgur u mhux forsi, id-disposizzjonijiet li jiggvernaw l-imġieba tan-Nutara taħt il-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistgħux jitqiesu li jmorru kontra l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, dawn id-disposizzjonijiet mhumiex maħsuba biex intenzjonalment jew indirettament iqiegħdu f'periklu ħajjet Nutar Pubbliku jew biex b'xi mezz iċaħħduh mill-jedd għall-ħajja tiegħu. Il-fatt waħdu li Nutar Pubbliku jista' jinżamm milli jibqa' jaħdem ta' Nutar minħabba mġieba ħażina jew mhux professjonali ma jista' qatt jikkwalifika bħala theddida fuq il-ħajja. Għalhekk dan l-ilment ma jistħoqqlux li jiġi milqugħ;*

8. *Illi hekk ukoll, il-liġi li trażżan l-imġieba ħażina ta' Nutar Pubbliku ma tista' qatt tiġi mqabbla ma' trattament inuman jew degradanti kif imfisser fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Naturalment, l-esponent jista' jifhem li proċeduri ta' dixxiplina jistgħu joħolqu ċertu anzjeta' u dwejjaq f' Nutar Pubbliku li jkun qiegħed iħabbat wiċċu magħhom, b'danakollu proċeduri bħal dawn, bl-ebda mod remot, ma jistgħu jinġabru taħt il-kappa ta' trattament inuman jew degradanti. Wara kollox mir-rikors kostituzzjonali ma jirriżultax li r-rikorrent ġie maltrattat, imsawwat jew imżeblah minn xi entita' tal-Gvern. Jiġi b'hekk, li anke dan il-parti tal-ilment mhuwiex tajjeb;*

9. *Illi fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jistqarr li dan il-parti tal-ilment mhuwiex imfisser mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu. Tabilħaqq ir-rikorrent ma jippreċiżax b'liema mod id-disposizzjonijiet tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin ixellfu l-jedd għal smigħ xieraq. Għalhekk sa fejn dan l-ilment huwa miktub fl-astratt, din l-Onorabbli Qorti hija umilment mistiedna li tiskartah u ma tiħux dehen tiegħu;*

10. *Illi f'kull każ tajjeb, li wieħed jgħid li l-kunċett kollu ta' smigħ xieraq ma jdurx mal-interpretazzjoni tal-liġi sostantiva jew mal-prinċipji tal-ermenewtika legali iżda huwa mixħut esklussivament fuq il-'proċedural fairness' ta' kawża. Il-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) jiggarantixxu l-elementi kollha li jsawwru l-kunċett tal-*

*jedd ta' smigħ xieraq. Ir-rikorrent għandu l-jedd li jkollu avukat li jassistih, għandu l-fakolta' li jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda mressqa mill-partijiet l-oħra, għandu d-dritt li jressaq id-dokumenti li jistgħu jgħinuh fil-każ tiegħu u għandu wkoll id-dritt li jressaq is-sottomissjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet legali tiegħu. Jiġi b'hekk, li anke dan l-ilment mhuwiex tajjeb;*

11. *Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrent jinsab imsejjes fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa wkoll konċettwalment ħażin. Barra mill-fatt, li skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent għandu rimedji quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), jissokta jingħad li dawn il-proċeduri kostituzzjonali stess għandhom is-saħħa li jagħtu rimedju lir-rikorrent jekk jinstab li verament ġew miksura lilu xi drittijiet li huma mħarsa taħt il-Konvenzjoni Ewropea;*

12. *Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jeżiġix xi proċedura partikolari dwar kif għandu jingħata r-rimedju. L-importanti huwa li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali. Fil-fehma tal-esponent din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha hija awtorita' nazzjonali li tista' tagħti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li tassew seħħew infrazzjonijiet konvenzjonali. Fuq kollox imbagħad wieħed ma jridx jinsa li r-rikorrent qiegħed jattakka s-siwi u l-applikazzjoni tal-liġi, b'dan għalhekk li huwa ma jistax jippretendi li azzjoni bħal din ma tkunx fil-forum kostituzzjonali;*

13. *Illi r-rikorrent ukoll m'għandux raġun jilmenta mill-fatt li d-disposizzjonijiet tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta jmorru kontra l-jedd għall-ħarsien tal-ħajja privata tiegħu kif regolat bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Tassew id-disposizzjonijiet tal-Kap 55 tal-Liġijiet tal-Malta bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li qed jindaħħlu fil-ħajja privata tar-rikorrenti. Bil-maqlub, dawn l-artikoli jmissu u jirregolaw biss ir-relazzjoni li r-rikorrenti għandu mal-pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala Nutar Pubbliku. Għalhekk dan l-artikolu tal-Konvenzjoni mqanqal mir-rikorrent lanqas biss huwa applikabbli;*

14. *Illi f'kull każ, l-Istat għandu mhux biss il-jedd iżda anke l-obbligu li jindaħal jekk ikun hemm sitwazzjoni fejn Nutar Pubbliku ma jkunx qiegħed iwettaq xogħlu kif suppost jew skont il-liġi. Dan l-ilment tar-rikorrent għalhekk huwa wkoll wieħed ħażin;*

15. *Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrent kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta jinfirex fuq l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan ma jistax jintlaqa'. L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux applikabbli minħabba li l-liġijiet allegatament diskriminatorji mixlija mir-rikorrent ma ġewx imqiegħda taħt*

*waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Ir-raġuni ta' diskriminazzjoni f'allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-jedd fundamentali trid ta' bil-fors taqa' taħt waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dan is-subartikolu. Sewwasew fil-kwestjoni kostituzzjonali li għandna quddiemna, ir-rikorrent ma rabatx l-allegat ilment tiegħu ta' diskriminazzjoni ma' xi wieħed mill-motivi li nsibu tassattivament imsemmija fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Għalhekk dan in-nuqqas għandu jwassal għaċ-ċaħda tal-ilment tiegħu;*

16. *Illi għal dak li jolqot l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jissottometti li r-rikorrent ma indikax fuq liema kawżali jew status id-disposizzjonijiet tal-Kap 55 tal-Liġijiet tal-Malta huma allegatament diskriminatorji. Għalhekk ġaladarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrent mhuwiex xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, isegwi li anke minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ;*

17. *Illi miżjud ma' dan, u dan jgħodd kemm għad-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u kif ukoll għal dik tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa manifest li l-liġijiet li qed jiġu attakkati mir-rikorrent japplikaw bl-istess mod għal kulħadd;*

18. *Illi l-ilment tar-rikorrent fuq l-artikolu 39 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa manifestament ħażin għaliex l-artikolu 39 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jitkellem fuq ftehim bonarji li jintlaħaq bejn partijiet li jkunu qegħdin jitlewwmu quddiem il-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem — qagħda li m'għandniex f'dan il-każ. Lil hemm minn dan, l-artikolu 39 tat-Trattat ma jifformax parti mil-liġi Maltija għaliex mhuwiex inkluż fit-tifsira ta' 'Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali' kif riprodotta fl-artikolu 2 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma ġie traspost fil-liġi domestika skont l-artikolu 3 (3) tal-Kap 304 tal-Liġijiet ta' Malta;*

19. *Illi dwar l-aħħar ilment, hija ħaġa tal-għaġeb kif ir-rikorrent qiegħed jgħid li d-disposizzjonijiet tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin idaħħluh f'xogħol imġiegħel jew furzat bi ksur tal-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jekk ir-rikorrent qed jaħdem ta' Nutar Pubbliku, dan qed jagħmlu għax hekk irid hu u mhux għaliex l-Istat qiegħed iġiegħlu jaħdem t'hekk;*

20. *Illi naturalment jekk ir-rikorrent irid jaħdem ta' Nutar, dan irid jimxi mal-obbligi u mad-dmiirijiet li l-liġi timponi fuq il-professjoni nutarili. Tali dmirijiet legali huma parti mix-xogħol ta' nutar biex tiġi żgurata s-serjeta', it-trasparenza u l-professjonalita' fix-xogħol nutarili. Issa jekk ir-rikorrent ma jridx jew mhux kapaċi josserva*

*dawn l-obbligi allura dan ifisser li huwa mhuwiex maqtugħ biex jaħdem bħala nutar;*

21. *Illi f'dan l-isfond, imbagħad l-esponent qajla jista' jifhem kif ir-rikorrent jista' qatt jgħid bis-serjeta' li huwa qiegħed jiġi mġiegħel jagħmel xogħol furzat għas-sempliċi fatt li qed jintalab li jgħaddi t-tesmenti ppubblikati minnu sabiex dawn jiġu eżaminati mill-Uffiċċjali Reviżuri. Jekk ir-rikorrent matul is-snin li ħadem bħala nutar, kien bieżel u serju biżżejjed li ħa ħsieb iżomm u jikkonserva t-testmenti pubblikati minnu, kif suppost kellu jagħmel skont il-liġi, allura għandha tkun ħaġa ħafifa għalih u mhux xogħol furzat jew iebes li joqgħod għat-talba li jnewwel it-testmenti. Dan kif wara kollox għamlu n-nutara kollegi tiegħu. Minn naħa l-oħra pero', jekk jirriżulta li r-rikorrent kien traskurat, għażżien u negliġenti waqt xogħlu billi ma ħax ħsieb li jżomm f'ordni it-testmenti ppubblikati minnu, allura l-ħtija għandu jerfagħha waħdu fuq spallejh u mhux jgħid li qiegħed jiġi mġiegħel jagħmel xogħol furzat jew imġiegħel iwettaq jagħmel l-impossibli;*

22. *Illi l-esponent ukoll ma jifhimx kif ir-rikorrent qed jgħid li-liġi daħlet b'mod retroattiv. L-obbligu tal-preżentazzjoni tat-testmenti lill-Uffiċċjali Reviżuri huwa obbligu li daħal fis-seħħ mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi 'l quddiem. Kemm hu hekk, fil-każ tal-lum, in-nuqqas ta' preżentazzjoni li qed jiġi mixli bih ir-rikorrent ma jkoprix iż-żmien ta' qabel l-emendi legali tal-2018 iżda jkopri ż-żmien mill-2019 'il quddiem;*

23. *Illi għalhekk dan l-ilment bħal dawk kollha ta' qablu huwa għal kollox barra minn loku. Jiġi b'hekk, li l-<u>ewwel tlitt talbiet tar-rikorrent</u> sa fejn huma indirizzati kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 55 tal-Liġijiet tal-Malta, jistħoqqilhom li jiġu miċħuda;*

24. *Illi r-<u>raba' talba</u> tar-rikorrent hija manifestament fiergħa. L-esponent qajla jista' jifhem kif ir-rikorrent jista' jgħid li s-smigħ tiegħu ġie ppreġudikat waqt is-seduta tal-20 t'Awwissu 2019, meta jirriżulta mill-verbal ta' dik is-seduta li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili kienet sewwasew laqgħet it-talba tiegħu għad-differiment tal-kawża minħabba li l-avukat tiegħu ma setax jattendi għal dik is-seduta (ara Dok. AG3);*

25. *Illi f'dan il-kuntest ukoll, l-esponent ma jistax jifhem għaliex ir-rikorrent qed jipprotesta mill-fatt li f'dik is-seduta l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili fakkritu li huwa jista' jeħel penali minħabba dewmien fil-preżentata tat-testment. B'daqshekk, il-Qorti ma kinitx qiegħda tikkundannah iżda kienet qiegħda biss tiġbidlu l-attenzjoni ta' x'jista' jiġri jekk kemm-il darba jinstab li huwa naqas fl-obbligi legali tiegħu. Din it-talba għalhekk hija wkoll ħażina u m'għandhiex tintlaqa';*

26. *Illi l-<u>ħames talba</u> wkoll qed tiġi opposta għaliex sa issa ma hemm l-ebda deċiżjoni li ttieħdet mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili li tista' tiġi mħassra. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha twaqqaf lill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili milli taqta' u tiddeċiedi l-każ illi għandna quddiemha;*

27. *Illi s-<u>sitt talba</u> wkoll ma tistax tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti għaliex it-talba għar-rikuża tal-Imħallef* Emeritus Galea Debono *messha saret quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili skont il-liġi u mhux quddiem din l-Onorabbli Qorti. F'kull każ, mir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent, ma jidher li hemm l-ebda raġuni siewja skont il-liġi għaliex l-Imħallef* Emeritus *m'għandux ikompli jisma' l-kawża tar-rikorrent;*

28. *Illi s-<u>seba' talba</u> għall-ħruġ ta' miżura proviżorja mhijiex mistħoqqha minħabba li l-għoti tar-rimedju proviżorju m'għandhiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Tabilħaqq allegazzjoni ex parte illi sar jew li sejjer ikun hemm ksur ta' dritt fundamentali mhijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li fil-każ tal-lum għad hemm proċess ġudizzjarju li għadu jrid jibda quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili;*

29. *Illi fuq kollox, meta wieħed iqis il-ġurisprudenza, joħroġ ċar li l-każ tar-rikorrent mhuwiex xi wieħed daqshekk urġenti jew gravi li jiġbed lejh il-ħruġ ta' miżura provviżorja skont l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Is-seba' talba għalhekk ma jixirqilhiex illi tintlaqa';*

30. *Illi dwar it-<u>tmien talba</u>, li tirreferi għal diskriminazzjoni allegatament imwettqa fil-passat, jissokta jingħad għal darb'oħra, li r-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għaliex l-imġieba diskriminatorja mixlija mir-rikorrent ma ġietx imqiegħda taħt waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni;*

31. *Illi b'żieda ma' dan, l-ilment tar-rikorrent ma jistax jiġi mistħarreġ ukoll minħabba li skont l-artikolu 45(8) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 45 ma jistax jolqot xi diskrezzjoni dwar l-egħmil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri Ċivili jew kriminali f'xi qorti li jkollha xi persuna bi jew skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra;*

32. *Illi hekk ukoll, għal dak li jolqot l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jisħaq li r-rikorrent ma indikax fuq liema bażi jew status huwa allegatament ġie diskriminat. Għalhekk ġaladarba t-trattament differenti mqanqal minnu mhuwiex imsejjes fuq wieħed mill-kategoriji li jinsabu mħarsa mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni,*

*isegwi li anke minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ;*

33. *Illi lil hemm minn dan kollu, l-ilment tar-rikorrent xorta waħda għandu jfalli għaliex huwa ma weriex u lanqas ma indika li ħaddieħor, li kien fl-istess qagħda tiegħu, ġie trattat b'mod differenti minnu. Minbarra dan, għall-inqas mill-ftit tagħrif mogħti fir-rikors kostituzzjonali, lanqas ma jidher li r-rikorrent ġarrab xi preġudizzju għaliex safrattant jidher minn dak imsemmi minnu fir-rikors kostituzzjonali, li huwa solva l-problema li kellu b'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili. Jiġi b'hekk, li anke dan l-ilment fuq diskriminazzjoni passata ma jixraqx li jiġi milqugħ;*

34. *Illi d-<u>disa' talba</u> għandha tfalli wkoll ladarba m'hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali mqajma mir-rikorrent;*

35. *Illi fl-aħħarnett anke l-<u>għaxar talba</u> qed tiġi opposta għaliex bħala prinċipju kemm taħt l-artikolu 39(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, s-smigħ għandu jkun miftuħ għall-pubbliku;*

36. *Illi wara kollox, fil-każ tal-lum, ma hemmx raġunijiet siewja għaliex dan il-każ għandu jinstema' bil-magħluq, aktar u aktar meta wieħed iqis li din il-kawża hija waħda ta' għamla kostituzzjonali kontra l-Istat, fejn l-interess pubbliku huwa akbar minn meta jkun hemm kawża Ċivili bejn privati;*

*Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent u tiddikjara li huwa ma bata l-ebda ksur tal-jeddijiet.*

3. Rat illi, fil-5 ta’ Novmebru 2019, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, ġew kjamati in kawża l-Kunsill Notarili u l-Uffiċċjal Reviżur Dr Remigio Zammit Pace. (fol 32)

4. Rat illi fis-26 ta’ Novembru 2019, il-**Kunsill Notarili** ippreżenta r-risposta tiegħu, fejn ressaq is-segwenti difiżi:

    1. *Illi, in linea preliminari, l-esponent jindika li in kwantu dawn il-proċeduri jirrigwardaw l-obbligu tan-nutara li jippreservaw l-atti minnhom ippubblikati u li jippreżentaw dawn l-atti lin-nutar tal-gvern sabiex taħt is-sorveljanza tiegħu dawn l-atti jiġu arkivjati, għall-integrita tal-ġudizzju hemm bżonn li jiġi msejjaħ fil-kawża n-Nutar tal-Gvern li illum huwa Dr Keith German, u dan sabiex il-ġudizzju jkun jista' jitqies bħala wieħed sħiħ;*

    2. *Illi in kwantu dawn il-proċeduri huma bbażati fuq lanjanzi dwar artikoli tal-liġi li jiksru drittijiet fundamentali, l-esponent ma jirrispondix għal tali vjolazzjonijiet u dan billi tali liġijiet ma humiex fir-responsabbilita’ tiegħu li jilleġiżlahom jew jemendahom u l-istess Kunsill Nutarili huwa*

*marbut b'din l-istess liġi. Għalhekk l-esponenti ma għandu jġorr l-ebda responsabbilita għal vjolazzjonijiet li jistgħu jinstabu li jeminaw minn xi liġi u ma għandu jeħel l-ebda spejjeż f'dan ir-rigward;*

3. *Illi r-rikorrent ma għandux il-locus standi u l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex ikun jista' jistitwixxi dawn il-proċeduri u dan billi huwa ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti għall-interess ġuridiku meħtieġ biex wieħed ikun jista' jistitwixxi proċeduri skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ma jissodisfax il-kriterji stabbilititi għal dak l-istatus ta' 'vittma' kif meħtieġ mill-Konvenzjoni Ewropea għal Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Dan għaliex ir-rikorrent ma sofra l-ebda preġudizzju, mhux qiegħed isofri preġudizzju u ma huwiex se jsofri preġudizzju;*

4. *Illi konsegwentement, kull allegazzjoni mressqa mir-rikorrent dwar allegati ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem għandha tiġi miċħuda billi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

5. *Illi t-talbiet tar-rikorrent huma frivoli u vessatorji u huma bbażati primarjament fuq in-nuqqas tar-rikorrent li jaqdi dmirijiet li huma mqegħda fuq kull nutar li jeżerċita l-professjoni notarili f'pajjiżna, u in oltre dmirijiet li l-istess rikorrent ilu assoġġettat għalihom sa mill-ewwel ġurnata li huwa beda jeżerċita l-professjoni tiegħu. Hekk kif r-rikorrent għażel li jeżerċita din il-professjoni u applika sabiex jingħata l-warrant biex ikun jista' jipprattika din il-professjoni, sa mill-ewwel mument huwa kien soġġett għar-responsabbilita' li jippreserva l-atti minnu ppubblikati u li jippreżenta tali atti għal konservazzjoni tagħhom u għal aċċess pubbliku fl-arkivji notarili tal-gvern. Il-lanjanzi li issa qiegħed iqajjem huma għalhekk frivoli u vessatorji billi huwa qiegħed jippretendi li jiġi awtorizzat jonqos milli jaqdi dmirijiet li huma fundamentali għall-professjoni ta' nutar u dan sabiex tiġi protetta l-professjoni u d-drittijiet ta' dawk li jkunu partijiet għall-atti ppubblikati u d-drittijiet ta' terzi li jkollhom aċċess effettiv u effiċjenti għall-atti;*

6. *Illi l-lanjanzi u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto jew liema minnhom billi ma jammontawx għal interferenza mad-drittijiet pretiżi mir-rikorrent u għalhekk din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex il-kompetenza li tistħarreġ dawk l-artikoli tal-liġi jew l-aġir billi ma hemm l-ebda interferenza jew konnessjoni mad-drittijiet indikati mir-rikorrent;*

***Eċċezzjonijiet fil-Mertu***

7. *Illi in kwantu r-rikorrent jimplika b'xi mod lil Kunsill Notarili fir-rikors promotorju tiegħu, l-esponent irid jippreċiża illi huwa obbligat jimxi u jimplimenta l-liġi kif tiġi in effett mill-Parlament u li huwa ma għandu l-ebda poter sabiex ibiddel jew jemenda dik il-liġi. Huwa għalhekk li l-esponent ma għandux jinsab responsabbli għal kwalunkwe liġi li tista' minn dina l-Onorabbli Qorti tinstab li tammonta għal vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali. In oltre l-istess Kunsill Nutarli, anke kif sejjer jiġi*

*ppruvat fil-kors ta' dawn il-proċeduri, offrew diversi għajnuniet lir-rikorrent sabiex jiffaċilitawlu li jottempera ruħu mal-obbligi li għandha l-professjoni;*

8. *Illi in oltre dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex il-poter li tilleġiżla u għalhekk, jekk ikun il-każ li dina l-Onorabbli Qorti issib li tkun seħħet xi vjolazzjoni, ma għandhiex il-poter legali li tagħti bħala rimedju dak li jkun jammonta għal-leġislazzjoni. Dan qiegħed jiġi eċċepit minħabba d-diversi proposti leġiżlattivi li r-rikorrent stess qiegħed jipproponi bħala rimedju fir-rikors promotorju;*

9. *Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma abbużivi tad-drittijiet ta' terzi u jiksru l-obbligi u r-responsabbilitajiet li huma fundamentali għal professjoni ta' nutar li minnha nfisha ġġorr magħha fiduċja pubblika u dan billi l-pretensjonijiet tar-rikorrent iwasslu għal sitwazzjoni fejn jiġu preġudikati drittijiet ta' terzi bħal per eżempju ta' dawk il-werrieta li għandhom dritt għal kopja ta' testament b'mod spedit, u dawk li jkunu jridu kopja ta' att inter vivos sabiex ifittxu d-drittijiet legali tagħhom u inoltre l-aġir tar-rikorrent qiegħed imur kontra d-drittijiet tal-klijent tiegħu stess li fl-aħħar mill-aħħar ħallas lir-rikorrent sabiex ir-rikorrent jottempera ruħu mal-liġi sħiħa dwar kull att li ġie ppubblikat minnu u liema aspettattiva hija raġonevoli u raġonevolment tinkludi li n-nutar rikorrent jagħddi kopji tal-atti ppubblikati minnu lin-Nutar tal-Gvern sabiex jiġu hemm arkivjati;*

10. *Illi in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrent huma konsegwenti għal artikoli tal-liġi, l-esponent jeċċepixxi li tali artikoli tal-liġi jissodisfaw it-tlett kriterji stabbiliti sabiex liġi tkun kkunsidrata valida anke taħt stħarrig dwar ksur ta' drittijiet fundamentali u dan billi l-artikoli tal-liġi huma ċari, aċċessibbli u jippermetti 'foreseeability'. Konsegwentement, kull aġir li seħħ b'konsegwenza tal-applikazzjoni ta' xi wieħed minn dawk l-artikoli tal-liġi huwa aġir li seħħ skond il-liġi u jikkostitwixxi interferenza raġonevoli u ġustifikata;*

11. *Illi inkwantu r-rikorrent jallega li l-applikazzjoni tal-artikoli 94A sa Artikolu 152 tal-Kapitolu 55 u Artikolu 88 sa Artikolu 92 tal-istess liġi jammontaw għal vjolazzjoni ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, tali allegazzjoni għandha tiġi miċħuda u dan billi l-ebda wieħed minn dawn l-artikolu u lanqas kollha f'daqqa u/jew anke l-applikazzjoni ta' kull wieħed minnhom jew ta' kollha f'daqqa:.*

    *(i) ma tammontax għal trattament inuman,*
    *(ii) ma joħloq l-ebda preġudizzju fiżiku jew morali,*
    *(iii) huwa sempliċiment regolamenti dwar l-eżerċizzju ta' professjoni u għalhekk ma taqax fl-ambitu tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu,*
    *(iv) anke kieku sta għar-rikorrent li jipprova l-preġudizzju fiżiku jew morali tali li jista' jwassal għal dak il-livell ta' trattament li jilħaqq il-grad meħtieġ biex trattament jista' jinstab li huwa inuman;*

12. *Illi l-applikazzjoni ta' kull artikolu tal-liġi msemmi fir-rikors promotorju ma tammontax mhux biss għal trattament inuman iżda lanqas għal trattament degredanti u dan anke billi dak li qiegħda tagħmel il-liġi huwa li tirregola kif għandu jittwettaq l-obbligu ta' kull nutar f'pajjiżna ta' kif jippreserva l-atti ppubblikati minnu;*

13. *Illi in kwantu r-rikorrent jallega li l-emendi li ddaħlu fis-snin 2011 u 2012 għal liġijiet minnu indikati fir-rikors promotorju jammonta għal ksur tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u ċioe d-dritt għal ħajja, l-esponenti jeċċepixxi illi ċ-ċirkostanzi tal-każ b'ebda mod ma jaqgħu fl-ambitu ta' dan id-dritt u ta' din il-protezzjoni;*

14. *Illi anke jekk għal grazzja tal-argument iċ-ċirkostanzi tal-każ jaqgħu fl-ambitu tal-protezzjoni ta' dan l-artikolu l-applikabilita tal-istess protezzjoni għaċ-ċirkostanzi tal-każ huma limitazzjoni ġustifikata, skond il-liġi u proporzjonata, b'dan illi hija għal għan leġittimu;*

15. *Illi in kwantu r-rikorrent jallega li l-emendi li ddaħħlu fis-snin 2011 u 2012 għal liġijiet minnu indikati fir-rikors promotorju jammonta għal ksur tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tali protezzjoni ma tapplikax għaċ-ċirkostanzi tal-każ li ma turi l-ebda interferenza mad-dritt għal ħajja privata, tal-familja, jew tad-dar jew tal-komunikazzjoni;*

16. *Illi anke jekk għal grazzja tal-argument iċ-ċirkostanzi tal-każ jaqgħu fl-ambitu tal-protezzjoni ta' dan l-artikolu l-applikabbilita tal-istess protezzjoni għaċ-ċirkostanzi tal-każ huma limitazzjoni ġustifikata, skond il-liġi u proporzjonata, b'dan illi hija għal għan leġittimu;*

17. *Illi in kwantu r-rikorrent jilmenta li d-deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu taħt l-artikolu 94A sal-Artikolu 152 u taħt artikolu 88 sa' Artikolu 92 tal-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta jammontaw għal vjolazzjoni ta' smigħ xieraq, l-esponenti jeċċepixxu illi jekk seħħitx vjolazzjoni jew le tad-dritt għal smigħ xieraq trid tiġi sindikata f'għeluq il-proċess u mhux saħansitra fuq bażi ta' jekk jittieħdu dawk id-deċiżjonijiet jistgħux jittieħdu b'għaġġla;*

18. *Illi mingħajr preġudizzju għal dan, l-applikazzjoni tal-protezzjoni għad-dritt ta' smigħ xieraq għaċ-ċirkostanzi tal-każ ma turi l-ebda vjolazzjoni tad-dritt, anke għaliex tali dritt ma huwiex assolut iżda għandu jiġi sindikat fl-intier tal-proċeduri u l-materja li tkun qiegħda tiġi determinata;*

19. *Illi in oltre d-dritt għal smigħ xieraq jagħti protezzjoni sabiex proċess jiġi deċiż fi żmien raġonevoli, u mhux sabiex proċess jitħalla jitwal hekk kif ikun irid xi wieħed mill-parti, b'dan illi ċ-ċirkostanzi tal-każ anke kif sejjer jiġi ppruvat fil-kors tal-proċeduri juru li r-rikorrent ingħata żmien*

*raġonevoli sabiex jippreżenta l-każ tiegħu u sabiex jottempera ruħu mal-liġi;*

20. *Illi in oltre l-liġi fiha nnifisha ma toħloq l-ebda trattament diskriminatorju u l-applikazjoni u l-eżekuzzjoni tagħha ma twassal għal ebda diskriminazzjoni. Dan billi l-liġi tapplika għal kull nutar, fl-istess ċirkostanzi u b'mod ugwali u mar-rikorrent ma saret l-ebda diskriminazzjoni;*

21. *Illi għalhekk l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

5. Rat illi fit-28 ta' Novembru 2019, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi, fid-19 ta' Novembru 2019, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, fil-proċeduri indikati u meritu tal-proċeduri odjerni, ossija Każ 602/19, iddifferiet il-każ "*sie die*", "*riappuntabbli fuq rikors tal-istess Nutar Cefai jew tal-Avukat Ġenerali, jekk ikun il-każ.*" (fol 50)_

6. Rat ir-risposta tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern, fil-kariga tiegħu ta' Uffiċċjal Reviżur flok in-Nutar Remigio Zammit Pace, ippreżentata fil-5 ta' Diċembru 2019 fejn, għal dak mitlub, ressaq is-segwenti difiżi:

   *Illi n-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace ġie maħtur mill-Kunsill Nutarili bħala Uffiċċjal Reviżur tat-Testmenti li ġew ippubblikati qabel is-sena 2012.*

   *Illi skont l-artiklu 97(C) tal-Kapitlu 55 tal-Liġijiet ta' Malta, "Fl-Arkivju ta' Malta jiġu ddepożitati għall-konservazzjoni (c) l-oriġinali kollha tal-atti Nutarili irċevuti minn Nutara li joqogħdu f'Malta, bl-indiċijiet tagħhom, meta hu meħtieġ li dawn l-atti u indiċijiet jiġu mqiegħda fl-arkivju". Dan il-perjodu ġie definit bl-Artiklu 94(C)(5) li jgħid: "In-nutara jkunu obbligati li jippreżentaw lin-Nutar Prinċipali jew lill-Uffiċċjal Reviżur li jinħatar mill-Kunsill Nutarili sa mhux aktar tard mill-1/10/2019 kull testment fil-kustodja tagħhom ippubblikat fi kwalunkwe żmien sa u inkluża s-sena 2011."*

   *Illi permezz ta' ittra datata 27/4/2019 in-Nutar Emmanuel Cefai informa lill-Uffiċċjal Reviżur Dr. Zammit Pace "Nikteb bla ebda preġudizzju u nirreferi għat-testmenti ta' qabel 1/1/2012 u b'referenza għall-istess ngħarrfek illi dawn mhux ser jkunu ikkonsenjati f'April tas-sena korrenti elfejn u dsatax u dan għal diversi raġunijiet, eċċezzjonijiet u/jew retenzjonijiet tekniċi u/jew legali'.*

   *Illi, wara li kien hemm dan l-iżvilupp, l-esponent kellu laqgħa ma' Dr. Zammit Pace fejn ġie infurmat dwar il-każ. It-tnejn qablu li n-Nutar Cefai kien għal kollox ċert u determinat li ma jissottomettix it-Testmenti kollha tiegħu, li fil-verita' kellu żmien sal-1/10/2019 biex jissottomettihom. Għalhekk Dr. Zammit Pace kien kostrett li jagħmel rikors minnufih mingħajr ma jistenna sal-1/10/2019 għaliex kien hemm ċertezza li Dr. Cefai ma kien ser jottempera ruħu mal-Artiklu 94(C)(5) tal-Kapitlu 55 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   *Illu l-ewwel smigħ quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili sar fl-20/8/2019, fejn l-esponent kien preżenti fis-seduta fil-kariga tiegħu ta' Nutar*

*Prinċipali tal-Gvern. F'din is-seduta l-Qorti rat l-ittra li n-Nutar Cefai kiteb lill-Uffiċċjal Reviżur, li fiha kien hemm espożizzjonijiet ta' natura legali bħal "Nħoss ukoll li f'kull żmien ukoll hu neċessarju li b'mod raġjonat jkun hemm trattament ugwali u xieraq għal kulħadd tenut kont ukoll taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull nutar konċernat".*

*Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili offriet għal darba darbtejn sabiex in-Nutar Cefai jitkellem fl-assenza tal-Avukat tiegħu li dakinhar inzerta assenti minn Malta.*

*Illi oltre minn hekk l-istess Qorti, fl-aħjar interess tan-Nutar Cefai, ġibdet l-attenzjoni lill-istess Nutar dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' osservanza f'każ li huwa ma jippreżentax it-testmenti kif titlob il-liġi, u l-Qorti kkwotat l-artiklu 94 (A) subartiklu 18(a) tal-Kapitlu 55 tal-Liġijiet ta' Malta li b'mod ċar jgħid li jekk*

> *'Nutar jonqos milli jidher quddiem Uffiċċjal Reviżur u jippreżentalu l-atti kif meħtieġ b'dan l-artikolu, hu jeħel, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, sa meta josserva dawk il-ħtiġiet, ammenda ta' ħamsin euro (€50) fil-ġimgħa jew parti minnha, li tibda għaddejja mid-data tal-preżentata tar-rikors imsemmi fil-proviso ta' dan il-paragrafu, u ikun inabilitat parzjalment milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu sakemm josserva dawk il-ħtiġiet: Iżda l-Uffiċċjal Reviżur għandu jagħti lin-nutar xahar sabiex josserva dawk il-ħtiġijiet u, jekk in-nutar jonqos milli jagħmel dan, l-uffiċċjal Reviżur għandu, fi żmien tliet ijiem minn dak in-nuqqas, jippreżenta rikors fir-Reġistru tal-Qorti li bih jinforma lill-Qorti dwar in-nuqqas tan-nutar u jitlobha biex tordna lir-Reġistratur biex joħroġ taħrika formali skont l-artikolu 120'.*

*Illi l-intenzjoni ċara tal-Qorti f'dan l-istadju kienet li taċċerta ruħha li n-Nutar Cefai jifhem l-implikazzjonijiet tal-azzjoni tiegħu.*

*Illi minn dan kollu joħroġ il-fatt li fil-verita' n-Nutar Cefai kellu żmien raġjonevoli sabiex jipprepara t-testmenti - kellu żmien minn April 2019 sal-1/10/2019 u tletin ġurnata oħra bil-liġi. Jiġifieri kellu żmien ta' 'l fuq minn sitt xhur biex jippreżenta kollox.*

*Illi ta' min ifakkar li bil-liġi Nutar għandu jżomm l-atti u t-testmenti ta' kull sena llegati inklużi r-Registri tagħhom. Il-fatt li n-Nutar Cefai kellu dan iż-żmien kollu u ddikjara ab initio li mhux ser jissottometti t-testmenti din is-sena kien iqanqal suspetti kbar li l-atti tiegħu setgħu ma kinux kompilati u organizzati kif tirrikjedi l-liġi.*

*Illi l-esponent kien talab lill-istess Qorti sabiex tippermettilu jaċċedi fil-post fejn kienu miżmuma l-volumi bl-atti in kwistjoni sabiex jara jekk kinux miżmuma kif suppost, billi stante l-funzjoni tiegħu ta' Konservatur tal-Arkivji, kien fl-interess tiegħu li jaċċerta ruħu minn dan. Fil-fatt, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili laqgħet it-talba tal-esponent.*

*Illi fis-17/9/2019, bi ftehim man-Nutar Cefal, l-esponent żar ir-residenza tiegħu ġewwa l-Belt li sservi ukoll bħala l-uffiċċju tiegħu.*

*Illi mill-ispezzjoni jirriżulta li t-testmenti huma miżmuma f'biċċa tal-għamara li tingħalaq, kif tirrikjedi l-Liġi. Irriżulta wkoll li t-testmenti huma llegati u mill-ftit volumi li l-esponent ra sporadikament kien jidher li dawn kienu kollha nnumerati. L-esponent jistqarr li kien sorpriż għall-aħħar anke għall-fatt li ma kienx hemm xi kwantita' ta' volumi - fil-fatt, mad-daqqa ta' għajn li ta' kien jidher li kien hemm b'kollox madwar 50 volum li kienu jkopru diversi snin.*

*Illi l-ewwel reazzjoni tal-esponent man-Nutar Cefai kienet li ma kienx hemm problema biex jissottomettihom. Iżda r-rikorrent insista li kellu żewġ problemi: (1) li ma kellux ippreparati r-Reġistri u (2) li n-noti tal-insinwi tat-testmenti kienu mħallta ma' dawk tal-atti inter vivos.*

*Illi fl-aħħar seduta li saret mar-rikorrent Nutar Cefai quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, fil-preżenza wkoll tal-President tal-Kunsill Nutarili, l-Avukata mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat li kien qed jirrappreżenta lil Dr. Cefai, ġiet saħansitra offruta għajnuna lil Dr. Cefai sabiex i) jiġu organizzati n-Noti tal-insinwi u ii) ir-Reġistri tat-Testmenti ikunu jistgħu jsiru billi jsiru kopji tal-volumi kollha.*

*Illi, minkejja dawn is-soluzzjonijiet u l-għajnuna offruta, in-Nutar Cefai baqa' jinsisti li ma jridx jissottometti l-volumi għaliex jippreġudika l-kawża li kien bi ħsiebu jiftaħ u li fil-fatt illum fetaħ.*

*Illi fil-31/10/2019 irriżenja l-Uffiċċjal Reviżur Dottor Remigio Zammit Pace u r-rwol tiegħu issa għadda għand in-Nutar Prinċipali tal-Gvern.*

*Illi, bħala Konservatur tal-Arkivji, l-esponent jinsab preokkupat bis-sitwazzjoni. In-Nutar Cefai iddikjara li m'għadux Nutar Prattikanti u li ilu ma jippubblika att u fl-istess waqt ma jridx jitlaq il-volumi li jikkontjenu testmenti oriġinali.*

*Illi inoltre, kif inhi s-sitwazzjoni llum, in-Nutar Cefai qed jikser ukoll l-artikli 59(2) u 61(1) tal-Kapitlu 55 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi skont l-artiklu 71 tal-Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta "Kull Nutar hu s-sid tar-Reġistri tal-Atti li jirċievi u tal-indiċijiet rispettivi tagħhom" u għalhekk il-Liġi tiddeduċi li l-oriġinali jappartjenu lill-konservatur jew Arkivist tal-Arkivji Nutarili. Post l-atti oriġinali huwa f'idejn is-sid fl-Arkivji. Għalhekk ir-rikorrent qed jikser il-liġi, għaliex għandu jkun hemm ir-reġistri u l-oriġinal miżmuma f'postijiet separati. Kif inhuma l-affarijiet illum, jekk l-oriġinali ma jinstabux jew jiġri inċident fil-proprjeta' tar-rikorrent, l-informazzjoni kollha tintilef u għalhekk ir-riskju huwa kbir kemm għan-Nutar innifsu u kif ukoll għal terzi persuni li jista' jkollhom interess f sitwazzjonijiet ta' eredita'.*

*Illi skont l-artiklu 132 tal-Kapitlu 55 tal-Liġijiet ta' Malta, "Nutar li... (b) ma jħallix li ssir l-ispezzjoni imsemmija fl-artikolu 115 jew xort' oħra jagħmilha impossibbli..., jeħel sospensjoni għal perjodu minn xahar għal sitt xhur'.*

*Illi in vista ta' dan kollu jidher li n-Nutar Cefai qed jipprolonga l-proċess sabiex għal xi raġuni jirbaħ iktar ħin u jissospendi l-possibilita' li t-testmenti oriġinali li jeżistu illum (u li jistgħu jintilfu kompletament għaliex ma hemmx reġistru tagħhom) jinġabru u jitqiegħdu f'post żgur. Huwa għalhekk li kull Nutar li jixtieq jaqdi dmirijietu sew u jaġixxi b'mod responsabbli jkun irid ifittex jiddepozita l-kuntratti u t-testmenti fl-Arkivju biex l-ewwelnett ineħħi responsabilita' enormi minn fuqu u kif ukoll biex it-tieni lok jagħmel aktar spazju fl-uffiċċju tiegħu. Fil-kaz odjern, in-Nutar Cefai, Nutar mhux prattikanti, għal xi raġuni mhux spjegabbli, jixtieq li jżomm l-atti u t-testmenti fid-dar residenzjali tiegħu.*

*Għaldaqstant, l-esponent qiegħed jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent u tiddikjara illi ma seħħ ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

7. Rat illi fil-11 ta' Diċembru 2019, il-kawża tħalliet għall-provi.

8. Rat illi, permezz tal-Avviż Legali 329/2019, l-Avukat tal-Istat assuma l-atti flok l-Avukat Ġenerali.

**Provi**

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Emanuel Sciriha**, bħala Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-26 ta' Frar 2020. (fol 65)

10. Semgħet ix-xhieda tan-**Nutar Keith German**, bħala Nutar Prinċipali tal-Gvern, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-26 ta' Frar 2020 (fol 79) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 91 sa 120)

11. Semgħet ix-xhieda tan-**Nutar Clinton Bellizzi**, bħala President tal-Kunsill Notarili, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-26 ta' Frar 2020. (fol 121)

12. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Emanuel Sciriha, bħala Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili, ri-prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-12 ta' Novembru 2020. (fol 159)

13. Rat l-affidavit ta' Emanuel Sciriha ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2021 flimkien ma' dokumentazzjoni ossija każijiet miġjuba fil-konfront tar-rikorrenti quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Notarili, kif rikjest mill-Qorti fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2021. (fol 178 – 291)

14. Semgħet ix-xhieda ulterjuri tan-**Nutar Clinton Bellizzi**, bħala President tal-Kunsill Notarili, prodott mir-rikorrent u mogħtija fit-28 ta' Jannar 2021. (fol 294)

15. Semgħet ix-xhieda tan-**Nutar Daniel John Bugeja**, ġia Viċi President tal-Kunsill Notarili, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-26 ta' Mejju 2021. (fol 317)

16. Rat l-affidavit tar-rikorrent, in-**Nutar Emanuel George Cefai**, ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2021. (fol 338)

17. Semgħet ix-xhieda, permezz ta' *video conferencing*, tan-**Nutar Joseph Raphael Darmanin**, ġia Segretarju tal-Kunsill Notarili, prodott mir-rikorrent u mogħtija fit-23 ta' Novembru 2021. (fol 341)

18. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2021, il-Qorti ddikjarat il-provi rikorrenti bħala magħluqa.

19. Semgħet il-kontro eżami tan-**Nutar Clinton Bellizzi**, bħala President tal-Kunsill Notarili, mogħtija fis-16 ta' Frar 2022. (fol 348)

20. Rat in-nota tal-Avukat tal-Istat ippreżentat fis-17 ta' Frar 2022 b'kopja tal-ATT Nru LI tas-sena 2021 intitolat '***Att biex jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Notarili***". (fol 355)

21. Semgħet il-kontro eżami tan-**Nutar Keith German**, bħala Nutar Prinċipali tal-Gvern, mogħtija fil-25 ta' Mejju 2022. (fol 362)

22. Semgħet il-kontro eżami tan-**Nutar Emanuel George Cefai**, mogħtija fil-25 ta' Mejju 2022. (fol 366)

23. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2022, il-provi ġew dikjarati magħluqa w il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

24. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent illi ġew ippreżentati fil-21 ta' Novembru 2022. (fol 379)

25. Rat illi fl-1 ta' Marzu 2023, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet intimati.

26. Rat illi fis-16 ta' Mejju 2023, il-kawża ġiet differita għas-sentenza bid-dritt lill-intimati sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub sa żmien tlett xhur.

27. Rat illi sa llum ma daħlu ebda sottomissjonijiet da' parte ta' l-intimati.

**Fatti**

28. Jirriżulta illi r-rikorrent huwa Nutar Pubbliku, reġistrat a tenur tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap 55), sabiex jippreżenta s-servizzi tiegħu ta' Nutar Pubbliku lill-pubbliku.

29. Jirriżulta illi, fid-9 ta' April 2019, ir-rikorrent, flimkien man-nutara kollha eżerċjenti f'Malta u Għawdex, kien intalab min-Nutar Reviżur, sabiex jossottometti għar-reviżjoni, it-testmenti minnu ppubblikati sal-31 ta' Diċembru 2011.

30. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra datata 27 ta' April 2019, ir-rikorrent irrifjuta illi jottempera ruħu ma' tali rikjesta w fl-ittra tiegħu kellu dan xi jgħid: (fol 217)

> *Nikteb bla ebda preġudizzju u nirreferi għat testmenti ta' qabel 1 ta' Jannar 2012 u b'referenza għall-istess ngħarrfek illi dawn mhux ser jkunu ikkonsenjati f'April tas-sena korrenti elfejn u dsatax u dan għal diversi raġunijiet, eċċezzjonijiet u/jew retenzjonijiet tekniċi u/jew legali.*

*F'Marzu ta' din is-sena jien ktibt lil President tal-Kunsill Notarili u għamilt talbiet speċifiċi li umilment ninsisti li għandhom jintlaqgħu u jkunu esegwiti għall-ġid ta' kullħadd. Fost affarijiet oħra jien tlabt emendi għal bdil fit-terminu/i u materji oħra kif ukoll mod li kollox jimxi bi gradwalita' u skont Nemo ad impossibilia tenetur kif indikat lill-istess President tal-Kunsill Notarili. Nħoss ukoll li f'kull żmien ukoll hu neċessarju li b'mod raġjonat jkun hemm trattament ugwali u xieraq għal kulħadd tenut kont ukoll taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull nutar konċernat.*

31. Jirriżulta illi l-Uffiċċjal Reviżur, wara illi kkonsulta man-Nutar Prinċipali tal-Gvern, ippreżenta proċeduri quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Notarili fid-29 ta' Lulju 2019, fejn ġab tali sitwazzjoni għall-attenzjoni tal-Qorti, sabiex hija tieħu l-passi li jidhrilha opportuni.

32. Jirriżulta illi fid-29 ta' Lulju 2019, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat lin-Nutar rikorrenti sabiex jidher quddiemha fl-20 ta' Awissu 2019, biex "*jispjega għaliex qed jippersisti fl-inadempjenza tiegħu.*" (fol 218)

33. Jirriżulta illi fit-18 ta' Awissu 2019, ir-rikorrent ippreżenta nota quddiem il-Qorti fejn, fost affarijiet oħra, talab differiment peress illi l-Avukat tal-fiduċja tiegħu ma setax jattendi. (fol 222)

34. Jirriżulta illi, fl-20 ta' Awissu 2019, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili laqgħet it-talba għal differiment u differiet il-każ għall-24 ta' Settembru 2019 filwaqt illi qalet is-segwenti: (fol 225)

*"Il-Qorti, pero, tfakkar lin-Nutar Cefai li għad-dewmien tiegħu biex jippreżenta t-testmenti antiki tiegħu lill-Uffiċċjal Reviżur, se jkun qed jinkorri penali ta' ħamsin Ewro (€50) fil-ġimgħa jew parti minn ġimgħa."*

35. Rat illi fl-20 ta' Settembru 2019, ir-rikorrent ppreżenta rikors quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili fejn talabha tissospendi l-proċeduri u dana peress illi "*jiddikjara li huwa beda proċeduri sabiex jattakka din il-proċedura f'din il-Qorti odjerna, u għalhekk jenħtieġ li din il-proċedura tiġi sospiża*". (fol 226)

36. Jirriżulta illi fl-24 ta' Settembru 2019, deher ir-rikorrent assistit w il-Qorti ordnatlu illi jipproċedi bil-proċeduri Kostituzzjonali fi żmien tmint ijiem, peress illi kien għadu ma pproċediex bil-kawża, a differenza ta' dak minnu dikjarat fl-20 ta' Settembru 2019.

37. Jirriżulta illi fl-1 ta' Ottubru 2019, r-rikorrent nieda l-proċeduri odjerni.

## Ilmenti

38. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qiegħed iressaq żewġ ilmenti prinċipali: waħda dwar il-validita' tal-Kapitolu 55, u oħra dwar il-proċeduri quddiem il-Qorti tad-Reviżjoni ta' Atti Notarili.

39. Jirriżulta illi, għal dak illi jirrigwarda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, ossija il-Kap 55, ir-rikorrent jikkontendi illi, permezz ta' emendi illi saru bejn is-snin 2011 sa 2018, iddaħħlu varji artikoli tal-Liġi illi jilledu d-drittijiet tiegħu.

40. Jirriżulta, di fatti, meta tagħsar il-kontenut kemmxejn konfużjonarju tar-rikors promotur, illi għar-rigward il-Kap 55, ossija l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, ir-rikorrent qiegħed jilmenta fuq is-segwenti:

    a. Il-fatt illi, a tenur tal-Artikolu 14, Nutar jista' jkollu l-warrant tiegħu mneħħija f'każ li ma jkunx ippubblika atti għal numru ta' snin, u din, huwa jikkontendi, tikser l-protezzjoni għad-dritt tal-ħajja mogħtija lilu mill-Art 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Art 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

    b. Il-fatt illi, a tenur tal-Artikoli 88 sa 92, kif ukoll l-Artikoli 115,120,122,123 u 124 lkoll tal-Kap 55, Nutar jista', fost affarjiet oħra jiġi investigat mill-Kunsill Nutarili kif ukoll mill-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, mingħajr ma jkun hemm smigħ xieraq, u dana, huwa jikkontendi, bi ksur tad-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq kif sanċit mill-Kosituzzjoni.

    c. Il-fatt illi, a tenur tal-Artikolu 94A, jissemmew termini għall-gbir ta' atti u testmenti illi, huwa jikkontendu, huwa stringenti ħafna u għalhekk għandhom jitqiesu bħala li jiksru l-protezzjoni għal trattament inuman protett mogħtija lilu mill-Art 36 tal-Kostituzzjoni u Art 3 tal-Konvenzjoni kif ukoll għall-protezzjoni minn xogħol furzat, kif sanċit fl-Artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u Art 4 tal-Konvenzjoni.

41. Jirriżulta wkoll, għar-rigward l-operat tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Notarili, ir-rikorrenti jikkontendi:

    a. illi fis-sena 2014, huwa kien ġie diskriminat, meta ttieħdu proċeduri kontra tiegħu talli ma ppreżentax xi atti filwaqt illi proċeduri ma ttieħdux kontra Nutara oħra.

    b. Illi meta talab differiment għas-seduta tal-20 ta' Awissu 2019 quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni, peress illi l-avukat tal-fiduċja tiegħu ma kienx ser ikun jista' jattendi, huwa ma ngħatax smigħ xieraq.

    c. Illi, l-fatt lil-Qorti "*ikkummentat li diġa bdiet għaddejja multa ta' ħamsin Ewro kull ġimgħa u/jew parti minnha ... sar bi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent*".

42. Jirriżulta illi kemm l-intimat Avukat Ġenerali, kif ukoll il-Kunsill Notarili w n-Nutar Prinċipali tal-Gvern bħala l-Uffiċċjal Reviżur, qajjmu varji oġġezzjonijiet għal dak allegat mir-rikorrent, liema oġġezzjonijiet huma ċarament indikati fir-risposti tagħhom, ġia fuq riprodotti, u ma hemm ebda raġuni illi dawna jiġu hawn ripetuti.

43. Għalhekk, f'dan l-istadju, il-Qorti ser tgħaddi biex tqis il-varji talbiet illi għamel ir-rikorrent.

## Ikkunsidrat

44. L-Ewwel tlett talbiet tar-rikorrent, kif indikati fit-tielet parti tar-rikors promotur tiegħu taħt it-titolu "*Talbiet*", huma fis-sens illi għandu jiġi dikjarat illi l-Kapitolu 55,

partikolarment l-Artikolu 14, 15 u 16, kif ukoll 88 sa 92 u 94A sa 152 ta' l-istess Kap 55, jiksru d-drittijiet tiegħu u, fost affarijiet oħra, qed jippreġudikawh u għalhekk għandhom jitqiesu bħala nulli u bla effett.

45. Il-Qorti, hawnhekk, tibda billi tosserva illi waħda mill-ilmenti prinċipali tar-rikorrent kienet illi l-Artikolu 14 jipprovdi illi *warrant* jintilef jekk Nutar ma jipprattikax għal xi żmien.

46. Jirriżulta illi r-rikorrent, qabel ma bdew il-proċeduri odjerni, kien ilmenta dwar dan mal-Kunsill Notarili, liema Kunsill, għalkemm mhux involut fil-proċess leġislattiv, liema proċess huwa wieħed esklussiv għall-Gvern, kien involut, bħala rappreżentant tan-Nutara f'Malta u Għawdex, f'diskussjonijiet mal-Awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi assikurat illi kwalsiasi leġislazzjoni tkun waħda ġusta u adegwata għall-professjoni ċentenarja u tant rispettata ta' Nutar.

47. Jirriżulta illi, fix-xhieda tan-Nutar Clinton Bellizzi, ir-rikorrent kien ġie mgħarraf, <u>qabel il-kawża odjerna</u>, illi l-proposti tiegħu kienu ġew ikkunsidrati u kienet ser issir tibdil fil-leġislazzjoni, liema tibdil iżda ma kienx kompitu tal-Kunsill biex tagħmel, imma kienet prerogattiva tal-Gvern.

48. Jirriżulta, di fatti, illi waqt il-mori tal-kawża odjerna, permezz ta' Att LI tas-sena 2021 iddaħħlet leġislazzjoni fejn kwalsiasi referenza għal tneħħija permanenti tal-warrant ġiet eliminata, u għalhekk l-ilment u tħassib tar-rikorrent, kif spjegat lill dina l-Qorti, illum ġie sorvolat.

49. Jirriżulta illi, rinfaċċjat b'tali żvilupp, ir-rikorrent, flok ma' indika illi tali lanjanza kienet issa sorvolata, kif wieħed kien jistenna li jagħmel, huwa baqa' jinsisti illi l-leġislazzjoni kienet tilledi d-drittijiet tiegħu, fosthom tal-ħajja tiegħu kif ukoll illi kienet iġġiegħlu jaħdem wisq, u dana kellu jiġi kkunsidrat bħala xogħol sforzat, bi ksur tad-drittijiet tiegħu – naturalment ma kienx fl-istess tar-rikorrent illi jipprova jwaqqaf tali proċeduri, peress illi l-intenzjoni aħħarija tiegħu kienet illi jwaqqaf proċeduri illi kienu qed jittieħdu kontra tiegħu.

50. Apparti tali lment, jirriżulta wkoll, mill-assjem tal-fatti kif minnu spjegati, illi huwa jilmenta bi sħiħ dwar il-fatt illi ġew imposti fuq in-nutara termini sabiex jippreżentaw atti u dokumentazzjoni, liema termini huma qosra wisq għalih, u għalhekk dawna qegħdin jagħmlu pressjoni kbira fuqu, illi minnha nnifisha hija theddida għall-ħajtu – il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tirrilevax illi anke dina l-Qorti, kif ippresjeduta, għandha pressjoni kbira ta' xogħol, li di fatti wassal għal ftit dewmien sakemm tingħata s-sentenza odjerna, iżda ċertament qatt ma hija ser tasal biex tikkontendi illi d-dritt tal-ħajja tagħha qiegħed jiġi perikolat, kif qed jimmaġina r-rikorrent fil-każ tiegħu!

51. Il-Qorti tosserva, di fatti, illi, f'kull professjoni, jeżistu regoli illi wieħed għandu josserva u jottempera ruħu magħhom, u dawna huma intiżi sabiex jassikuraw kemm it-trasparenza kif ukoll l-effiċjenza fix-xogħol – jirriżulta illi r-rikorrent donnu għandu allerġija għal tali trasparenza u effiċjenza u qiegħed jilmenta illi ma jiflaħx għat-termini imposti mill-liġi fuq in-nutara, u jrid termini itwal biex ikun jista' jlaħħaq bir-ritmu tiegħu, u kien għalhekk illi fetaħ il-kawża kostituzzjonali odjerna.

52. Il-Qorti ma tistax ma tossevax illi ħadd ma qatt sforza lir-rikorrent sabiex jaħdem bħala Nutar, kif huwa stess ammetta quddiem il-Qorti, u di fatti huwa liberu, meta jrid, illi

jieqaf milli jagħmel tali xogħol, kif del resto jidher illi għamel fis-snin li għaddew, fejn jidher, kif anke kkonfermat minnu fix-xhieda tiegħu, illi huwa naqqas ħafna il-prattika tiegħu, u kważi waqaf għal kollox.

53. Il-Qorti ma tistax ma tosservax, b'ċerta thassib u skonċertezza, illi l-ilmenti tar-rikorrenti huma prinċipalment ibbażati fuq il-fatt illi huwa qiegħed jiġi skrutinizzat u eżaminat mill-entitajiet kkreati mil-Liġi sabiex jassikuraw illi l-obbligi u responsabbiltajiet tan-Nutara, inkluż tiegħu, liema entitajiet huma fundamentali u essenzjali għall-professjoni li ġġorr magħha fiduċja pubblika, liema skrutinju huwa ma jridx illi jsir, għax ma jridx ikun skrutinizzat, peress illi jaf illi huwa fil-ħażin!

54. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, b'kumbinazzjoni, għalkemm kien ilu jeqred dwar l-emendi fil-Liġi għal snin sħaħ, kif stqarr huwa stess, kien BISS hekk kif l-Uffiċċjal Reviżur, in vista tal-inadempjenza xjentement voluta mir-rikorrent illi jottempera ma dak lilu obbligat bil-Liġi, mexxa kontra tiegħu, illi għażel li jibda l-proċeduri.

55. Jidher ċar illi l-azzjoni odjerna kienet mossa ċara sabiex jwaqqfu l-proċeduri kontra tiegħu, u dana a skapitu ta' terzi persuni illi għandhom dritt għall-atti pubbliċi, u jtawwal l-andament tal-proċeduri u, possibbilment deċiżjoni finali, probabbilment in vista tal-fatt illi huwa ben konxju tal-fatt illi huwa ħati talli qiegħed xejntement u intenzjonalment jikser l-obbligi imposti fuqu bħala Nutar, li *del resto*, huwa Uffiċċjal pubbliku!

56. Il-Qorti ma tistax tifhem ir-raġuni tar-rikorrent illi jirrifjuta li jgħaddi l-atti kollha illi huwa għandu fil-pussess tiegħu, ħaġa li huwa dejjem kien obbligat li jagħmel skond il-Liġi, lin-Nutar Prinċipali tal-Gvern, kif jagħmlu n-Nutara kollegi tiegħu f'Malta u Għawdex, u tasal biex tikkonkludi illi tali retiċenza da' parte tiegħu hija riżultat ta' nuqqas tar-rikorrent illi jadegwa għaż-żminijiet tal-lum u għall-ħtiġijiet aktar eżiġenti taċ-ċittadin ta' llum illi , wara li jirrikorru għandu sabiex jagħmlu att pubbliku, mbagħad huwa jagħżel biex iżomm mistur u diffiċili biex ikun aċċessibbli!

57. Il-Qorti tqis illi, mhux talli lir-rikorrent ma huwiex qiegħed jigi lilu miskura ebda drittijiet fil-konfront tiegħu bl-operat tal-Kap 55, izda talli huwa <u>hu stess</u> illi qed jikser id-drittijiet u pretensjoniet tal-klijenti kollha tiegħu u persuni oħra li jkollhom interess, peress illi huwa qiegħed iżomm moħbija atti pubbliċi u, kif ħareġ ċar mill-atti ppreżentati quddiem dina l-Qorti, qiegħed irendi ħajjet kull min għadu bżonn att illi huwa ppubblika diffiċili, jekk mhux impossibbli, fatt li jidher illi saħansitra seħħ waqt il-mori tal-kawża odjerna, fejn avukat kellu jmexxi fil-konfront tar-rikorrenti quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Notarili biex jilmenta illi r-rikorrent ma kienx qiegħed jgħaddi atti pubbliċi minnu pubblikati, u kien biss WARA illi ġie ordnat illi jagħti tali dokumentazzjoni pubbliċi mill-Qorti Reviżura, liema dokumenti huwa jżomm mistura għandu, illi huwa għadda l-inkartament meħtieġ.

58. Il-Qorti ma għandha ebda diffikulta' illi tiddikjara illi, l-Kap 55 u l-emendi li fih ġew inkorporati maż-żmien, huma intiżi sabiex jiġi assikurat illi l-obbligi u responsabbiltajiet, li huma fundamentali għall-professjoni ta' nutara in vista tal-element ta' fiduċja illi hija l-qofol tal-professjoni, jiġu salvagwardjati u protetti minn professjonisti illi b'għemilhom jnaqqsu il-fiduċja pubblika fin-nutara.

59. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi terzi persuni, bħalma huma werrieta għandhom dritt sacrosant illi jingħataw kopji ta' testmenti b'mod spedit u effiċjenti, u l-azzjonijiet tar-

rikorrenti fejn, kif jidher mill-atti, jrendiha kważi impossibbli għall-partijiet illi jkollhom aċċess għall testmenti illi jkunu saru quddiemu, huma proprju dawk l-istanzi illi jikkawżaw BISS ħsara lill-professjoni tan-Nutara u illi jenħtieġ li jittieħdu passi kontra tiegħu biex tali vjolazzjonijiet ma jibgħux għaddejjin.

60. Għalhekk, għal dak illi jirrigwarda l-ewwel Tlett Talbiet, il-Qorti ssib illi ma hemm ebda vjolazzjoni ta' kwalsiasi dritt fundamentali illi r-rikorrent jilmenta minnhom fil-korp tar-rikors promotur.

**Ikkunsidrat**

61. Ir-rimanenti sebgħa (7) talbiet tar-rikorrenti, għajr għall-aħħar waħda illi tista' titqies bħala superfluwa in vista tal-andament tal-proċess odjern fil-pubbliku u mhux fil-magħluq kif ried ir-rikorrent, huma kollha ċċentrati fuq ilment prinċipali – l-aġir tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Notarili.

62. Jirriżulta, di fatti, illi fir-raba' talba tiegħu, r-rikorrent jikkontendi illi fis-seduta tal-20 ta' Awissu 2019, huwa ma ngħatax smigħ xieraq. Il-Qorti hawnhekk, mingħajr tlaqlieq, ma għandha ebda dubju illi tali talba hija, kif jindika l-Avukat tal-Istat, ilment fieragħ u, kif tindika l-Kunsill Notarili, frivolu u vessatorju.

63. Il-Qorti tistqarr illi hija tassew perplessa kif jista' qatt ir-rikorrent jikkontendi illi l-Qorti Reviżura ma tatx smigħ xieraq lir-rikorrent, meta kien l-istess rikorrent illi talab differiment għax mhux assisit, U L-QORTI AKKORDATLU DIFFERIMENT SABIEX JKUN AKKUMPANJAT MINN AVUKAT!!!!!

64. Mhux talli l-Qorti Reviżura tatu smigħ xieraq, iżda tatu opportunita' illi jiġi quddiemha assist minn Avukat, sabiex jiġi assikurat illi jkollu dak illi r-rikorrent iħobb isemmi, ossija '*equality of arms*'! Altru milli ma ngħatax smigħ xieraq!

65. Il-Qorti ma tistax ma tqiesx ukoll bħala ilment fieragħ u bla sens l-karba tar-rikorrent illi huwa ħassu "vjolat" meta l-Qorti ta' Reviżjoni avżatu illi hemm multa għaddejja kontra tiegħu jekk jinstab ħati ta' xi nuqqas – Din il-Qorti setgħet tistenna tali argumentazzjoni possibbilment minn persuna ta' edukazzjoni ridotta u ta' intellett limitat, iżda dikjarazzjoni f'dana is-sens mingħand persuna illi, hija mgħallma fil-Liġi, tiddikjara lilha nnifisha bħala Duttur fil-Liġi, u li hija Uffiċċjal Pubbliku, ċertament qatt ma kienet tistenniha.

66. Hija tassew inverosimili kif ir-rikorrent, bħala persuna mgħallma fil-Liġi, setgħet qatt tħoss illi d-dritt tagħha għal smigħ xieraq kien qed jiġi vjolat UNIKAMENT għax il-ġudikant ġibed l-attenzjoni lin-Nutar tal-penalitajiet eżistenti fil-Liġi.

67. Għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi, mhux talli ir-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq, iżda talli r-rikorrent ingħata drittijiet ferm aktar minn dak mistħoqq, meta, kif jidher minn atti ta' proċeduri oħra, huwa ngħata varji opportunitajiet sabiex jirregola ruħu minkejja illi kien qiegħed xjentement u intenzjonalment jikser l-obbligi Uffiċċjali tiegħu bħala Nutar.

68. Fil-ħames, sitt u seba' talba, ir-rikorrent jitlob illi kwalsiasi deċiżjoni meħuda, fil-passat, fil-preżent u fil-futur, tal-Qorti ta' Reviżjoni, kif ippresjeduta mill-Onorevoli Imħallef Emeritus Dottor Joseph Galea Debono jigu dikjarati nulli u li jirrekuża ruħu minn kull proċediment, preżent u/jew futur.

69. Ftit li xejn għandha xi tgħid il-Qorti dwar tali talbiet għajr illi tiddikjara illi tali talbiet huma totalment bla bażi, kemm legali kif ukoll fattwali, u possibbilment jistgħu jitqiesu bħala disprezz u affront lejn l-Awtorita' tal-Qorti ta' Reviżjoni w tal-Ġudikant illi ilu jippresjedi fuq tali Qorti għal snin sħaħ, liema affront hija intiza prinċipalment in vista tal-fatt illi r-rikorrenti huwa ben a korrent illi huwa qiegħed jiżbalja u qiegħed fil-ħażin, u għalhekk qiegħed jipprova jsalva ġildu billi jattakka lil min qiegħed hemm biex jagħmel il-ħaqq ma' min jiżbalja, bħalu!

70. Fit-tmien talba tiegħu, ir-rikorrent jikkontendi illi huwa ġie diskriminat u ttrattat ħażin. Jirriżulta, mix-xhieda, illi r-rikorrenti jsemmi proċeduri illi ġew mibdija kontra tiegħu fis-sena 2014, li kellhom l-istess bażi ta' azzjoni bħal dik illi għamel l-Uffiċċjal Reviżur Dr Nutar Remigio Zammit Pace fid-29 ta' Lulju 2019 – ossija illi kien qiegħed jonqos milli jgħaddi d-dokumentazzjoni lilu rikjesta.

71. Jirriżulta, fatt illi ma ħassx li kellu jgħid fir-rikors promotur, iżda li ħareġ biss waqt ix-xhieda in kontro eżami tar-rikorrent, illi di fatti huwa kien rebaħ tali proċeduri.

72. Jirriżulta wkoll illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, ittieħdu passi kontra varji nutara oħra fl-istess perjodu fejn, a differenza tar-rikorrent, uħud ingħataw multa u uħud saħansitra ingħataw inabilitazzjoni temporanja, u dana jirriżulta mill-affidavit tar-Reġistratur Qrati u Tribunali  Ċivili, Emanuel Sciriha. (fol 179)

73. Għalhekk, din il-Qorti ma tifhimx kif jista' r-rikorrent jikkontendi illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fis-sena 2014, meta attwalment, ittieħdu passi kontra varji nutara oħra li, a differenza tiegħu, instabu lkoll ħatja.

74. Il-Qorti għalhekk tikkonkludi illi ma jista' qatt jitqies illi saret diskriminazzjoni mar-rikorrent, kif huwa jħoss illi sar.

75. Finalment, fid-disa' talba tiegħu, r-rikorrenti jitlob lill-Qorti sabiex tagħti kull disposizzjoni oħra biex id-drittijiet tar-rikorrent jiġu protetti.

76. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, permezz tal-proċeduri odjerni, r-rikorrent abbuża b'mod sfaċċat bil-proċeduri Kostituzzjonali u, dan sabiex jipprova jaħrab mir-responsabbilta' tiegħu quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni, fejn ittenta proċeduri bit-tama illi jtawwal kemm jista' l-kawża odjerna w jiskampa mill-verdett finali.

77. Il-Qorti hija tax-xewqa illi, aktar milli tieħu provvediment biex tipproteġi lir-rikorrent, kif minnu mixtieq, ikun aktar ġust u korrett illi l-Qorti tieħu provvediment <u>kontra</u> r-rikorrent, sabiex ma jibqax jabbuża bil-proċeduri Kostituzzjonali biex jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu. Sfortunatament, fi stadju ta' Prim' Istanza, il-piena tad-*doppjo spese* ma hijiet possibbli. Madanakollu, filwaqt illi l-ispejjeż kollha tal-proċess odjern ser jiġu attribwiti esklussivament għar-rikorrent, il-Qorti ser tassikura ruħha illi r-rikorrent ma jippersistix bl-abbuż tiegħu tal-proċeduri Kostituzzjonali u legali, u ser tqis tali proċeduri bħala "sempliċement frivoli" kif ukoll "sempliċement vessatorji" a tenur tal-Artikou 46 (5) tal-Kostituzzjoni, u dana sabiex jiġi assikurat illi r-rikorrent ma' jingħatax l-opportunita illi jkompli jtawwal il-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, kif ittenta jagħmel sa issa.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti, għar-raġunijiet fuq spjegati, filwaqt illi:

**Tiddikjara** illi t-talbiet mqajjma mir-rikorrent għandhom jitqiesu bħala sempliċement frivoli, kif ukoll vessatorji, kif pprovdut fl-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Spejjeż** kollha tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**